## IX-XEMX TA' MEJJU

*Hija din bewstek, xemx ta' Mejju rżina,*
*Li qiegħda xxaħxaħ iż-żiffa tar-rebbiegħa?*
*Għax hawn, waqt li dwari l-vjoletti ċkejkna*
*Qegħdin ifewħu l-arja.*
*Inħoss bħal nifs għajjien, għajjien jissajja,*
*Mgħobbi, għaddej b'erwieħ blanzuni ġodda,*
*Biex itihom il-ħajja.*
*Int tħares kollok ħniena; ħalib sidrek*
*Jiftaħ il-qronfla; u ġmielek*
*Urajh isaħħar għajnejn il-ward tax-xemx.*
*Nara fuq kollox in-Natura għaddejja.*
*B'rabta ta' mħabba torbot il-ħolqien;*
*Imbagħad inkiss, inkiss,*

*Tmiss 'il għajnejja u taħbihom f'ħolma.*
*Tisqi lil sidri b'għaslitha bnin u ħlejju,*
*U, taħt il-bewsa ta' Mejju,*
*Twilled, żagħżugħa, fija,*
*Il-Poeżija.*

24.5.52.

Ġ. B. Cassar.